SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

20 ta' Mejju 2014*

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva ARIS — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti ARISA ASSURANCES S.A. — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Koeżistenza ta' trade marks preċedenti fis-suq — Prinċipju ta' dritt Amerikan imsejjaħ 'Morehouse defense' — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009"

Fil-Kawża T-247/12,

**Argo Group International Holdings Ltd,** stabbilita f'Hamilton, Bermuda (ir-Renju Unit), irrappreżentata minn R. Hoy, S. Levine u N. Edbrooke, solicitors,

rikorrenti,

vs

**L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI),** irrappreżentat minn L. Rampini, bħala aġent,

konvenut,

il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali, hija

**Arisa Assurances SA,** stabbilita fil-Lussemburgu (il-Lussemburgu), irrappreżentata minn H. Bock, avukat,

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-9 ta' Marzu 2012 (Każ R 193/2011-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Arisa Assurances SA u Argo Group International Holdings Ltd,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla),

komposta minn E. Martins Ribeiro, President, S. Gervasoni (Relatur) u L. Madise, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-6 ta' Ġunju 2012,

wara li rat ir-risposta tal-UASI ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-21 ta' Settembru 2012,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li rat ir-risposta tal-intervenjenti ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-3 ta' Settembru 2012,

wara li rat ir-replika ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-18 ta' Diċembru 2012,

wara li rat il-kontroreplika tal-intervenjenti ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-3 ta' April 2013,

wara li rat li l-partijiet ma ressqu l-ebda talba għal seduta fi żmien xahar min-notifika tal-għeluq tal-proċedura bil-miktub u wara li għaldaqstant iddeċidiet, fuq rapport tal-Imħallef Relatur u skont l-Artikolu 135a tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li tiddeċiedi mingħajr il-fażi orali tal-proċeduri,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fit-13 ta' Novembru 2008, Art Risk Insurance and Information Services Corp. ippreżentat applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja fl-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1. p. 146 ), kif emendat [issostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1)].

2 It-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija s-sinjal figurattiv segwenti:




3 Is-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jaqgħu taħt il-klassi 36 skont il-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat, u jikkorrispondu, għad-deskrizzjoni li ġejja: "Servizzi ta' assigurazzjoni; sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni fuq it-titoli għas-snajja' tal-ġmiel, l-artefatti kulturali, l-antikitajiet, u proprjetà personali tanġibbli oħra li tista' tiġi kollezzjonata; servizzi ta' ġestjoni tar-riskji finanzjarji għall-arti u l-industriji assoċjati mal-arti, inklużi mużewijiet tal-arti, fondazzjonijiet tal-arti, istituzzjonijiet kulturali u li ma jagħmlux profitt, kollezzjonisti privati, artisti, negozjanti tal-arti, u fornituri bankarji fiduċjarji, tal-assigurazzjoni, legali u li ma jagħmlux profitt assoċjati mal-arti; servizzi ta' ġestjoni tar-riskji finanzjarji relatati mal-forom kollha ta' assigurazzjoni, inkluża l-assigurazzjoni fuq il-proprjetà u d-disgrazzji aċċidentali għall-arti u l-industriji assoċjati mal-arti".

4 L-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja ġiet ippubblikata fil-*Bullettin tat-trade marks Komunitarji* Nru 10/2009, tat-23 ta' Marzu 2009.

5 Art Risk Insurance and Information Services kienet diġà proprjetarja tat-trade mark Komunitarja verbali ARIS irreġistrata fit-12 ta' Setttembru 2005.

6 Fit-18 ta' Ġunju 2009, l-intervenjenti, Arisa Assurances SA, ippreżentat oppożizzjoni, skont l-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 207/2009, kontra r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni tat-trade mark għas-servizzi msemmija fil-punt 3 iktar 'il fuq.

7 L-oppożizzjoni kienet ibbażata fuq it-trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti, ippreżentata fit-8 ta' Lulju 1996 u rreġistrata fit-18 ta' Jannar 2000 bin-numru 307470, għall-"assigurazzjonijiet u riassigurazzjonijiet", li jaqgħu taħt il-klassi 36, riprodotta iktar 'il quddiem:




8 Il-motiv invokat insostenn tal-oppożizzjoni kien dak imsemmi fl-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

9 Fit-23 ta' Novembru 2010, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni laqgħet l-oppożizzjoni u ċaħdet l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni.

10 Fl-20 ta' Jannar 2011, Art Risk Insurance and Information Services ippreżentat appell quddiem l-UASI, skont l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009, kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

11 Fit-3 ta' Marzu 2011, Art Risk Insurance and Information Services applikat għar-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-applikazzjoni tagħha ta' trade mark lil Argo Group International Holdings Ltd (iktar 'il quddiem "Argo Group" jew ir-"rikorrenti"). Fl-4 ta' Marzu 2011 it-trasferiment ġie rreġistrat fir-Reġistru tat-Trade marks Komunitarji.

12 Permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Marzu 2012, (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), it-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI ċaħad l-appell. B'mod partikolari, huwa qies li l-appell ippreżentat minn Art Risk Insurance and Information Services kien ammissibbli, anki jekk ma kienx ippreżentat minn Argo Group, proprjetarja tal-applikazzjoni ta' trade mark, peress li t-trasferiment tal-applikazzjoni ta' trade mark lil Argo Group ma kinitx ġiet irreġistrata fir-Reġistru tat-Trade marks Komunitarji qabel l-20 ta' Jannar 2011, id-data tal-preżentazzjoni tal-att tal-appell (punti 17 sa 23 tad-deċiżjoni kkontestata). Rigward il-possibbiltà ta' konfużjoni bejn iż-żewġ sinjali kunfliġġenti, l-ewwel nett, il-Bord tal-Appell ippreċiża li l-pubbliku rilevanti kien kompost kemm mill-pubbliku ġenerali, ġeneralment informat u raġonevolment attent u avżat, u mill-konsumaturi speċjalizzati li l-livell ta' attenzjoni tagħhom huwa ogħla (punt 45 u 46 tad-deċiżjoni kkontestata). It-tieni nett, huwa qies li s-servizzi koperti mill-applikazzjoni għal trade mark u t-trade mark preċedenti kienu identiċi jew jixxiebhu (punti 47 u 48 tad-deċiżjoni kkontestata). It-tielet nett, il-Bord tal-Appell qies li s-sinjali kunfliġġenti kienu globalment jixxiebhu, peress li l-elementi distintivi u dominanti tagħhom, "aris" fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u "arisa" fit-trade mark preċedenti, kienu kważi identiċi fuq il-livell viżiv u jixxiebhu ħafna fuq il-livell fonetiku (punti 49 sa 55 u 58 tad-deċiżjoni kkontestata). Għaldaqstant huwa ddeċieda, bħad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, li kienet teżisti probabbiltà ta' konfużjoni (punt 58 tad-deċiżjoni kkontestata), billi eskludat l-argument ibbażat fuq il-koeżistenza fl-Unjoni Ewropea taż-żewġ sinjali inkwistjoni (punt 25 sa 28 tad-deċiżjoni kkontestata).

**It-talbiet tal-partijiet**

13 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla u tirriforma d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

14 L-UASI jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

15 L-intervenjenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli jew, sussidjarjament, bħala infondat;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

**Id-dritt**

*Fuq l-ammissibbiltà*

16 L-intervenjenti ssostni li dan ir-rikors ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, peress li r-rikors ma jagħmel ebda riferiment għal dispożizzjoni legali speċifika li l-Bord tal-Appell kiser.

17 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, ma huwiex meħtieġ li parti tinvoka espressament id-dispożizzjonijiet li fuqhom tibbaża l-motivi li hija tqajjem. Huwa biżżejjed li s-suġġett tat-talba ta' din il-parti kif ukoll il-punti ta' fatt u ta' liġi li fuqhom hija bbażata huma stabbiliti fit-talba b'mod suffiċjentement ċar [ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Jannar 2013, Gigabyte Technology vs UASI – Haskins (Gigabyte), T-451/11, punt 28, u l-ġurisprudenza ċċitata], li huwa l-każ f'din il-kawża.

18 Fil-fatt, mir-rikors jirriżulta b'mod suffiċjentement ċar li r-rikorrenti tinvoka essenzjalment ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2007/2009, peress li hija ssostni li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi meta qies li s-sinjali inkwistjoni kienu jixxiebhu u li kienet teżisti, għalhekk, probabbiltà ta' konfużjoni bejniethom. Barra minn hekk, hija tirreferi espressament għad-dispożizzjoni inkwistjoni fir-replika.

19 Barra minn hekk, l-argument tar-rikorrenti huwa suffiċjentement ċar u preċiż sabiex jippermetti lill-UASI u lill-interjenventi li jippreparaw id-difiża tagħhom u lill-Qorti Ġenerali sabiex teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Gigabyte, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-fatt, l-UASI u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti kollha tar-rikorrenti, peress li l–UASI stess irreferiet espressament fir-risposta għall-motiv ibbażat fuq l-ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

20 Konsegwentement, l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma mill-intervenjenti għandhom jiġu miċħuda u għandha tiġi eżaminata l-fondatezza tal-uniku motiv imqajjem mir-rikorrenti, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

*Fuq il-mertu*

21 Skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, dwar l-oppożizzjoni tal-proprjetarju ta' trade mark preċedenti, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark għandha tiġi rrifjutata meta, għal raġuni ta' identità jew ta' xebh tagħha ma' trade mark preċedenti u għal raġuni ta' identità jew ta' xebh tal-prodotti jew tas-servizzi koperti miż-żewġ trade marks, teżisti probabbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku fit-territorju li fih it-trade mark preċedenti hija protetta. . Il-probabbiltà ta' konfużjoni tinkludi wkoll il-probabbiltà li ssir assoċjazzjoni mat-trade mark preċedenti.

22 Skont ġurisprudenza stabbilita, tikkostitwixxi probabbiltà ta' konfużjoni l-probabbiltà li l-pubbliku jista' jaħseb li l-prodotti jew is-servizzi inkwistjoni joriġinaw mill-istess impriża jew minn impriżi marbuta ekonomikament. Skont din l-istess ġurisprudenza, il-probabbiltà ta' konfużjoni għandha tiġi evalwata globalment, skont il-perċezzjoni li l-pubbliku rilevanti għandu tas-sinjali u tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni, u b'kunsiderazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha tal-kawża, b'mod partikolari tal-interdipendenza tax-xebh tas-sinjali u ta' dak tal-prodotti jew tas-servizzi koperti [ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Lulju 2003, Laboratorios RTB vs UASI – Giorgio Beverly Hills (GIORGIO BEVERLY HILLS), T-162/01, Ġabra p. II-2821, punti 30 sa 33, u l-ġurisprudenza ċċitata].

Fuq il-pubbliku rilevanti

23 Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-konsumatur medju tal-kategorija ta' prodotti kkonċernati, ġeneralment informat u raġonevolment attent u avżat. Għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-livell ta' attenzjoni tal-konsumatur medju jista' jvarja skont il-kategorija ta' prodotti jew ta' servizzi inkwistjoni [ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Frar 2007, Mundipharma vs UASI – Atlana Pharma (RESPICUR), T-256/04, Ġabra p. II-449, punt 42, u l-ġurisprudenza ċċitata].

24 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell qies li l-pubbliku rilevanti f'din il-kawża kien kompost kemm mill-konsumaturi medji tas-servizzi ta' assigurazzjoni, ġeneralment informati u raġonevolment attenti u avżati, u mill-konsumaturi speċjalizzati, bħan-negozjanti tal-arti u l-kopri ġuridiċi u fiskali, li l-livell ta' attenzjoni tagħhom huwa ogħla (punti 45 u 46 tad-deċiżjoni kkontestata). Fil-kuntest tal-analizi tiegħu tal-probabbiltà ta' konfużjoni, huwa ddeċieda li teżisti tali probabbiltà billi bbaża ruħu fuq it-"tifkira imperfetta" tas-sinjali inkwistjoni li l-pubbliku rilevanti jżomm f'moħħu, inkluż mill-konsumaturi li juru attenzjoni ikbar (punt 58 tad-deċiżjoni kkontestata).

25 Ir-rikorrenti ssostni li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi meta injora, fil-konklużjoni tiegħu dwar il-probabbiltà ta' konfużjoni, il-livell ta' attenzjoni ikbar tal-konsumatur speċjalizzat tas-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni. Fil-fehma tagħha, id-differenzi fil-livell ta' attenzjoni li jeżistu bejn il-pubbliku rilevanti ta' dawn is-servizzi u l-pubbliku rilevanti tas-servizzi koperti mit-trade mark preċedenti jnaqqsu l-probabbiltà ta' konfużjoni.

26 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi rrilevat, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, li s-servizzi koperti mit-trade mark preċedenti ma humiex intiżi biss għall-konsumatur medju tipiku ta' forom ġeneriċi ta' assigurazzjonijiet, bħal dawk għall-karozzi jew għall-vjaġġi. Fil-fatt, kif ġustament jenfasizza l-UASI, peress li l-kundizzjoni ta' użu ġenwin mit-trade mark preċedenti qatt ma ġiet invokata, din it-trade mark hija protetta għas-servizzi ta' assiġurazzjoni u ta' riassigurazzjoni kollha, irrispettivament min-natura tal-oġġett assigurat, u dan irrispettivament mill-użu effett tal-imsemmija trade mark, jekk ikun il-każ, limitata għas-servizzi ta' assigurazzjoni għall-karozzi u għall-vjaġġi [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ġunju 2010, Kureha vs UASI – Sanofi-Aventis (KREMEZIN), T-487/08, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 71]. Għaldaqstant, skont l-oġġett assigurat, is-servizzi koperti mit-trade mark preċedenti jistgħu jkunu intiżi għall-pubbliku ġenerali jew għal konsumaturi iktar speċjalizzati.

27 Min-naħa l-oħra, għalkemm ċerti servizzi ta' assigurazzjoni koperti mill-applikazzjoni għal trade mark huma effettivament intiżi għal konsumaturi iktar speċjalizzati fil-qasam tal-arti, il-lista ta' servizzi inkwistjoni tinkludi wkoll is-servizzi ta' assigurazzjoni inġenerali, li huma indirizzati għall-pubbliku ġenerali.

28 Minn dan jirriżulta li s-servizzi koperti miż-żewġ trade marks kunfliġġenti huma indirizzati għall-istess pubbliku rilevanti, kompost kemm mill-pubbliku ġenerali kif ukoll mill-professjonisti tal-arti.

29 F'din l-ipoteżi, skont ġurisprudenza stabbilita, fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni, huwa l-pubbliku li għandu l-iktar livell baxx ta' attenzjoni li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Lulju 2011, Ergo Versicherungsgruppe vs UASI – Société de développement et de recherche industrielle (ERGO), T-220/09, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 21, u l-ġurisprudenza ċċitata].

30 Konsegwentement, anki jekk jiġi preżunt li l-Bord tal-Appell ma ħax inkunsiderazzjoni l-konsumaturi li għandhom attenzjoni ikbar, f'dan il-każ huwa ma jistax jiġi kkritikat b'dan il-fatt.

31 Għaldaqstant il-Bord tal-Appell ma wettqatx żball la fid-definizzjoni tal-pubbliku rilevanti f'dan il-każ, u lanqas fit-teħid inkunsiderazzjoni tiegħu waqt l-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni.

Fuq ix-xebh tas-sinjali

32 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni għandha, għal dak li jikkonċerna x-xebh viżiv, fonetiku jew kunċettwali tas-sinjali inkwistjoni, tkun ibbażata fuq l-impressjoni ġenerali prodotta minnhom, filwaqt li b'mod partikolari jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi distintivi u dominanti tagħhom. Il-perċezzjoni tat-trade marks mill-konsumatur medju tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni għandha rwol determinanti fl-evalwazzjoni globali tal-imsemmija probabbiltà. F'dan ir-rigward, il-konsumatur medju normalment jipperċepixxi trade mark bħala unità u ma jagħmilx eżami tad-diversi dettalji tagħha (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Ġunju 2007, UASI vs Shaker, C-334/05 P, Ġabra p. I-4529, punt 35, u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell qies li l-elementi dominanti tat-trade marks kunfliġġenti kienu l-elementi verbali "aris" fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u "arisa" fit-trade mark preċedenti. Huwa qies li l-elementi "assurances s.a." tat-trade mark preċedenti ma kinux dominanti, fid-dawl tal-font iżgħar tagħhom, tal-pożizzjoni tagħhom fil-parti t'isfel tat-trade mark u fl-assenza ta' karattru distintiv tagħhom għal numru mhux negliġibbli ta' konsumaturi, u li l-effetti stilistiċi u ta' kulur taż-żewġ trade marks ma kinux suffiċjentement impressjonanti sabiex inaqqsu l-karattru dominanti ta' "aris" u ta' "arisa" (punti 49 u 50 tad-deċiżjoni kkontestata). Fil-kuntest tal-paragun tas-sinjali kunfliġġenti, il-Bord tal-Appell ikkonstata li, fuq il-livell viżiv, l-elementi "aris" u "arisa" kienu kważi identiċi u li ż-żewġ sinjali kienu differenti minn xulxin biss permezz tal-ittra addizzjonali "a" u l-elementi li ma humiex distintivi "assurances s.a." tat-trade mark preċedenti kif ukoll permezz tal-effetti tagħhom stilistiċi u ta' kulur (punt 52 tad-deċiżjoni kkontestata). Huwa qies li s-sinjali kunfliġġenti kienu jixxiebhu ħafna fuq il-livell fonetiku, rispettivament, "a-ris" u "a-ri-sa" u l-elementi mhux distintivi "assurances s.a." ma humiex ippronunzjati (punti 53 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-Bord tal-Appel qies li ebda paragun kunċettwali ma seta' jsir, peress li ebda wieħed mis-sinjali inkwistjoni ma kellu sinjifikat fit-territorju rilevanti (punt 54 tad-deċiżjoni kkontestata). Huwa kkonkluda li s-sinjali kunfliġġenti kienu globalment jixxiebhu (punti 55 u 58 tad-deċiżjoni kkontestata).

34 L-ewwel nett, ir-rikorrenti tikkontesta d-determinazzjoni tal-elementi dominanti tas-sinjali kunfliġġenti. B'mod partikolari, hija tqis, fir-rigward ta' trade marks figurattivi, bħal dawk inkwstjoni fil-kawża prinċipali, li l-elementi verbali tagħhom ma jistgħux ikunu iktar dominanti mill-elementi figurattivi tagħhom. Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li l-kelma "aris" ma għandha ebda sinjifikat.

35 F'dan ir-rigward, għandha titfakkar il-ġurisprudenza stabbilita li tipprovdi li, sabiex jiġi evalwat il-karattru dominanti ta' wieħed jew ta' diversi komponenti determinanti ta' trade mark kumplessa, jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-kwalitajiet intrinsiċi ta' kull wieħed minn dawn il-komponenti billi jiġu pparagunati ma' dawk ta' komponenti oħrajn. Barra minn hekk, dan u alternattivament, tista' tittieħed inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni relattiva tal-komponenti differenti fl-għamla tat-trade mark kumplessa [sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Ottubru 2002, Matratzen Concord vs UASI – Hukla Germany (MATRATZEN), T-6/01, Ġabra p. II-4335, punt 35, u tat-23 ta' Novembru 2010, Codorniu Napa vs UASI – Bodegas Ontañon (ARTESA NAPA VALLEY), T-35/08, Ġabra p. II-5405, punt 35].

36 Minn dan jirriżulta li d-determinazzjoni tal-karattru determinanti ta' element fi ħdan trade mark kumplessa tiddependi fuq evalwazzjonn *in concreto* tal-elementi differenti li minnhom huwa kompost is-sinjal u, għaldaqstant, hija indipendenti min-natura tas-sinjal inkwistjoni, figurattiv jew verbali. Għalhekk, l-elementi figurattivi ta' trade mark figurattiva ma humiex neċessarjament l-elementi dominanti tal-imsemmiija trade mark.

37 F'dan il-każ, is-sinjal li għaliha saret l-applikazzjoni huwa kompost mill-element verbali "aris", miktub b'ittri kapitali b'kulur griż ċar mingħajr ma huma riprodotti ċerti partijiet tal-ittri inkwistjoni.

38 Kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, ir-rappreżentazzjoni grafika tal-element verbali "aris" ma tistax titqies bħala li tiddomina l-impressjoni ġenerali tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni. Fil-fatt, hija tikkostitwixxi biss tipografija intiża sabiex tenfasizza l-element verbali "aris". Għaldaqstant, anki jekk, kif issostni r-rikorrenti, din ir-rappreżentazzjoni grafika tagħti lit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni aspett raffinat, li tissuġġerixxi sens ta' sofistikazzjoni eleganti li tattira l-atturi tal-industrija tal-arti u tikkorrispondi għat-tip ta' servizzi msemmija fl-applikazzjoni għal trade mark, il-pubbliku rilevanti jkollu tendenza, sabiex jirriferi għat-trade mark inkwistjoni, li jippronunzja l-element "aris" u mhux li jiddeskrivi r-rappreżentazzjoni grafika tagħha. Barra minn hekk, il-fatt li l-element "aris" ma għandu ebda sinjifikat, kif tenfasizza r-rikorrenti, u għaldaqstant ma huwiex *a fortiori* deskrittiv tas-servizzi koperti, jikkonferilha f'dan il-każ karattru distintiv intrinsiku fir-rigward tal-imsemmija servizzi li jirrinforzaw il-karattru dominanti tagħha fl-evalwazzjoni ġenerali tas-sinjal li għalih saret l-applikazzjoni [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Settembru 2013, Gitana vs UASI – Teddy (GITANA), T-569/11, punt 57, u l-ġurisprudenza ċċitata].

39 Is-sinjal preċedenti huwa min-naħa tiegħu kompost mill-ewwel element verbali, "arisa", miktub bl-ittri kapitali blu bl-eċċezzjoni tal-parti tal-ewwel "a" li hija miktuba bl-aħmar. Dan l-ewwel element verbali huwa mqiegħed fil-parti ta' fuq u sseparat b'linja blu tat-tieni element verbali "assurances s.a.", miktub bl-ittri kapitali li huma iżgħar u li huma wkoll bil-kulur blu.

40 Jeħtieġ li jitqies li l-element verbali "assurances s.a", fid-dawl tad-daqs żgħir ħafna tiegħu u tal-pożizzjoni tiegħu fil-parti t'isfel imqabbel mal-element "arisa", ma huwiex l-element dominanti fi ħdan is-sinjal preċedenti. Din il-kunsiderazzjoni hija kkonfermata permezz tal-karattru deskrittiv ta' "assurances s.a." fir-rigward tas-servizzi ta' assigurazzjoni kkonċernati [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Novembru 2007, Gateway vs UASI – Fujitsu Siemens Computers (ACTIVY Media Gateway), T-434/05, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 47, u l-ġurisprudenza ċċitata]. Dan japplika wkoll għall-elementi figurattivi tat-trade mark preċedenti, bħat-tipografija, il-kulur u l-enfasi, li, kif tenfasizza r-rikorrenti stess, jikkorrispondu għal disinn grafiku bażiku u għal kuluri ordinarji. Dawn l-elementi verbali u figurattivi ma jistgħux, għaldaqstant, iqiegħdu inkwistjoni l-karattru dominanti tal-element verbali "arisa", miktub b'ittri ikbar u mqiegħed fil-parti ta' fuq tal-element verbali l-ieħor.

41 Għaldaqstant, il-Bord tal-Appell ma wettaqx żball fid-determinazzjoni tal-elementi dominanti tas-sinjali kunfliġġenti u l-ewwel argument tar-rikorrenti għandu, għalhekk, jiġi miċħud.

42 It-tieni nett, ir-rikorrenti tikkritika lill-Bord tal-Appell li ma wettaqx evalwazzjoni ġenerali tat-trade mark inkwistjoni u li llimita ruħu, kemm waqt l-evalwazzjoni tax-xebh tas-sinjali kunfliġġenti kif ukoll waqt it-teħid inkunsiderazzjoni ta' dan ix-xebh għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni, għal paragun bejn l-elementi verbali dominanti tagħhom, "aris" u "arisa".

43 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta effettivament li l-evalwazzjoni tax-xebh bejn żewġ trade marks ma tistax tiġi limitata għat-teħid inkunsiderazzjoni biss tal-komponent ta' trade mark kumplessa u għall-paragun tagħha ma' trade mark oħra. Għall-kuntrarju, il-paragun għandu jsir billi jiġu eżaminati t-trade marks inkwistjoni, kull waħda kkunsidrata kollha kemm hi, proċess li ma jeskludix li l-impressjoni ġenerali maħluqa f'moħħ il-pubbliku rilevanti minn trade mark kumplessa tista', f'ċerti ċirkustanzi, tkun iddominata minn wieħed jew iktar mill-komponenti tagħha (ara s-sentenza UASI vs Shaker, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41, u l-ġurisprudenza ċċitata). Huwa biss jekk il-komponenti l-oħra kollha tat-trade mark ikunu negliġibbli li l-evalwazzjoni tax-xebh tkun tista' ssir fuq il-bażi biss tal-element dominanti (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja UASI vs Shaker, iċċitata iktar 'il fuq, punt 42, u tal-20 ta' Settembru 2007, Nestlé vs UASI, C-193/06 P, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 42). Dan jista' jkun il-każ, b'mod partikolari, meta dan il-komponent ikun jista' jiddomina waħdu l-immaġni ta' dik it-trade mark f'moħħ il-pubbliku rilevanti, b'tali mod li l-komponenti l-oħra kollha tat-trade mark ikunu rrilevanti fl-impressjoni ġenerali mogħtija minnha (sentenza Nestlé vs UASI, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43).

44 F'dan il-każ, il-Bord tal-Appel qies li ċerti elementi li minnhom huma komposti s-sinjali kunfliġġenti kienu dominanti, mingħajr madankollu ma jikkwalifikaw l-elementi l-oħra ta' negliġibbiltà sal-punt li ma jittiħdux inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-paragun taż-żewġ sinjali. Għaldaqstant huwa kellu l-obbligu, skont il-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq, li jagħmel paragun li jieħu inkunsiderazzjoni l-komponenti kollha tas-sinjali kunfliġġenti.

45 Issa, skont dan l-obbligu, il-Bord tal-Appell, waqt l-evalwazzjoni tax-xebh viżwali tas-sinjali kunfliġġenti, ħa inkunsiderazzjoni kemm l-elementi dominanti li huwa kien identifika, jiġifieri l-elementi verbali "aris" u "arisa", meqjusa kważi identiċi, u l-element verbali "assurances s.a.", kif ukoll l-elementi figurattivi, meqjusa bħala differenti (punt 52 tad-deċiżjoni kkontestata).

46 Bl-istess mod, waqt l-evalwazzjoni tiegħu tax-xebh fonetiku tas-sinjali kunfliġġenti, huwa minnu li l-Bord tal-Appell ipparaguna biss l-elementi "aris" u "arisa". Madankollu, ma jistax jiġi dedott li huwa ma wettaqx evalwazzjoni ġenerali tal-imsemmija sinjali, peress li huwa ħa inkunsiderazzjoni l-uniku element ieħor li seta' jiġi ppronunzjat, "assurances s.a", billi qies li l-pubbliku rilevanti ma jippronunċjahx minħabba l-karattru mhux distintiv tiegħu (punt 53 tad-deċiżjoni kkontestata).

47 Waqt l-evalwazzjoni tagħha tax-xebh kunċettwali tas-sinjali kunfliġġenti, il-Bord tal-Appell wettaq ukoll evalwazzjoni ġenerali tal-imsemmija sinjali, inkwantu qies li "ebda trade mark", jiġifieri, fl-assenza ta' preċiżjoni oħra, ebda waħda mit-trade marks meħuda kollha kemm huma, inklużi l-elementi verbali tagħhom u l-elementi figurattivi tagħhom, ma kellhom sinjifikat fit-territorju rilevanti (punt 54 tad-deċiżjoni kkontestata).

48 Fl-aħħar nett, waqt l-analiżi tiegħu tal-probabblità ta' konfużjoni, il-Bord tal-Appell ikkunsidra kull komponent tat-trade marks kunfliġġenti, kemm jekk kienu dominanti jew le, sabiex iwettaq evalwazzjoni ġenerali tax-xebh tas-sinjali, billi ta importanza ikbar lill-elementi dominanti u importanza inqas lil dawk li ma humiex dominanti (punt 58 tad-deċiżjoni kkontestata).

49 It-tieni argument tar-rikorrenti għaldaqstant għandu jiġi miċħud.

50 It-tielet nett, ir-rikorrenti tikkritika l-konklużjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-eżistenza ta' xebh bejn is-sinjali kunfliġġenti, meta livell baxx ta' xebh viżwali u ta' xebh fonetiku kien diġà ġie kkonstatat bejn l-imsemmija sinjali.

51 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-konstatazzjoni ta' livell baxx ta' xebh viżiv u ta' xebh fonetiku saret mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u mhux mill-Bord tal-Appell. Għaldaqstant, fid-dawl tal-ġurisprudenza stabbilita li tipprovdi li r-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali huwa intiż għall-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell tal-UASI fis-sens tal-Artikolu 65 tar-Regolament Nru 207/2009 u mhux għal dak tal-legalità tad-deċiżjonijiet tad-Diviżjonijiet tal-Oppożizzjoni [ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta' Mejju 2005, Solo Italia vs UASI – Nuova Sala (PARMITALIA), T-373/03, Ġabra p. II-1881, punt 25, u l-ġurisprudenza ċċitata], dan it-tielet argument għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

52 Minn dak li ntqal preċedentement jirriżulta li r-rikorrenti ma stabbilietx li l-Bord tal-Appell kien qies b'mod żbaljat, fid-deċiżjoni kkontestata, li s-sinjali kunfliġġenti kienu jixxiebhu.

Fuq il-probabbiltà ta' konfużjoni

53 L-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni timplika ċerta interdipendenza tal-fatturi meħuda inkunsiderazzjoni, u, b'mod partikolari, tax-xebh tat-trade marks u ta' dak tal-prodotti jew tas-servizzi koperti. B'hekk, livell baxx ta' xebh bejn il-prodotti jew is-servizzi koperti jista' jiġi kkumpensat minn livell għoli ta' xebh bejn it-trade marks, u bil-kontra [sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-29 ta' Settembru 1998, Canon, C-39/97, Ġabra p. I-5507, punt 17, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2006, Mast-Jägermeister vs UASI – Licorera Zacapaneca (VENADO b'bordura *et*), T-81/03, T-82/03 u T-103/03, Ġabra p. II-5409, punt 74].

54 F'dan il-każ, il-Bord tal-Appell iddeċieda, ġustament, li teżisti probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti fid-dawl, minn naħa, tax-xebh jew tal-identità tas-servizzi koperti mit-trade marks kunfliġġenti (punt 48 tad-deċiżjoni kkontestata), evalwazzjoni li ma hijiex ikkontestata mir-rikorrenti, u min-naħa l-oħra, li l-konstatazzjoni ma hijiex ivvizzjata minn żball ta' xebh bejn iż-żewġ sinjali kunfliġġenti (ara l-punt 52 iktar 'il fuq).

55 Din il-konklużjoni ma tistax titqiegħed inkwistjoni mill-argument tar-rikorrenti li jikkritika l-Bord tal-Appell li ma ħax inkunsiderazzjoni l-koeżistenza fuq is-suq, minn naħa, tat-trade mark preċedenti u, min-naħa l-oħra, tat-trade mark verbali Komunitarja ARIS jew tas-sinjal li għalih saret l-applikazzjoni rreġistrata fl-Istati Uniti. Billi enfasizzat li l-Bord tal-Appell ma evalwax korrettament il-provi ppreżentati f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali sabiex tapplika l-prinċipju ta' dritt Amerikan imsejjaħ "Morehouse defense", li jipprovdi li l-persuna li topponi għar-reġistrazzjoni ta' trade mark ma tistax titqies bħala li ġiet ppreġudikata minn din ir-reġistrazzjoni meta trade mark identika jew sostanzjalment analoga għal dik li għaliha saret l-applikazzjoni diġà ġiet irreġistrata għal prodotti u servizzi identiċi jew sostanzjalment jixxiebhu mill-applikant ta' trade mark.

56 Qabel kollox għandu jiġi rrilevat, fir-rigward tal-invokazzjoni tal-prinċipju ta' dritt Amerikan imsemmi iktar 'il fuq, li, skont ġurisprudenza stabbilita, is-sistema Komunitarja tat-trade marks hija waħda awtonoma, magħmula minn ġabra ta' regoli u ssegwi għanijiet li huma speċifiċi għaliha, u l-applikazzjoni tagħha hija indipendenti minn kull sistema nazzjonali u l-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell għandha tiġi evalwata biss fuq il-bażi tar-Regolament Nru 207/2009, hekk kif interpretat mill-qorti tal-Unjoni [ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Mejju 2005, Grupo Sada vs UASI – Saida (GRUPO SADA), T-31/03, Ġabra p. II-1667, punt 84, u l-ġurisprudenza ċċitata].

57 Sussegwentement għandu jitfakkar li, huwa minnu li ma huwiex għalkollox eskluż li, f'ċerti każijiet, il-koeżistenza ta' trade marks preċedenti fis-suq tista' eventwalment tnaqqas il-probabbiltà ta' konfużjoni kkonstatata mid-dipartimenti tal-UASI bejn żewġ trade marks kunfliġġenti. Madankollu, tali eventwalità tista' tittieħed inkunsiderazzjoni biss jekk, għall-inqas, matul il-proċedimenti li jirrigwardaw ir-raġunijiet relattivi għal rifjut quddiem l-UASI, il-proprjetarju tat-trade mark ikkontestata jkun debitament wera li l-imsemmija koeżistenza kienet ibbażata fuq l-assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni, min-naħa tal-pubbliku rilevanti, bejn it-trade marks preċedenti invokati

minnu u t-trade mark preċedenti tal-intervenjenti li fuqha tkun ġiet ibbażata l-oppożizzjoni u bil-kundizzjoni li t-trade marks preċedenti inkwistjoni u t-trade marks kunfliġġenti jkunu identiċi [sentenzi tal-Qorti Ġenerali GRUPO SADA, iċċitata iktar 'il fuq, punt 86, u tal-14 ta' Novembru 2007, Castell del Remei vs UASI – Bodegas Roda (CASTELL DEL REMEI ODA), T-101/06, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 76].

58 F'din il-kawża, minn naħa, il-provi prodotti sabiex jiġi stabbilit l-użu mir-rikorrenti tat-trade mark Komunitarja verbali ARIS ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni, peress li din it-trade mark hija differenti mit-trade marks kunfliġġenti, li t-tnejn huma figurattivi. Min-naħa l-oħra, il-provi prodotti li jipproduċu s-sinjal li għaliha saret l-applikazzjoni bħal dak irreġistrat fl-Istati Uniti, jikkonsistu f'estratti mis-sit tal-internet tal-ex proprjertarju tat-trade mark li għalih saret l-applikazzjoni u f'artikolu tal-21 ta' Lulju 2010 li jevoka b'mod partikolari s-servizzi ta' assigurazzjoni ta' dan l-ex proprjetarju pprovduti taħt din it-trade mark, jikkonċernaw biss is-sinjal li għalih saret l-applikazzjoni u ma jipprovdu ebda indikazzjoni fuq il-preżenza tal-imsemmi sinjal fis-suq tal-Unjoni, rilevanti f'dan il-każ, kif ukoll *a fortiori* fuq il-mod kif il-pubbliku rilevanti kien ikkonfrontat bit-trade marks kunfliġġenti fuq dan is-suq.

59 Konsegwentement, skont dak li l-Bord tal-Appell ikkunsidra fid-deċiżjoni kkontestata (punti 27 u 28), l-elementi ppreżentati mir-rikorrenti ma jippermettux li jiġi stabbilit li trade marks identiċi għat-trade marks kunfliġġenti kienu jikkoeżistu, u lanqas *a fortiori* li din il-koeżistenza tnaqqas il-probabbiltà ta' konfużjoni bejn dawn tal-aħħar fis-sens tal-ġurisprudenza msemmija iktar'il fuq, mingħajr ma jkun hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq l-ammissibbiltà tal-Anness 11 tar-rikors, li jesponi l-prinċipju tal-"Morehouse defense", u tal-Anness I.1 (b) tar-risposta tal-intervenjenti, prodott minn din tal-aħħar sabiex tikkontesta l-argument tar-rikorrenti dwar l-eżistenza ta' tali koeżistenza.

60 Minn dak li ntqal preċedentement jirriżulta li l-Bord tal-Appell ikkonkluda, ġustament, li teżisti probabbiltà ta' konfużjoni u li jiċħad l-appell ippreżentat kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

61 Għaldaqstant hemm lok li l-uniku motiv tar-rikorrenti jiġi miċħud u, għalhekk, li r-rikors jiġi miċħud fit-totolità tiegħu, mingħajr ma jkun hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq il-fondatezza tal-argument tal-intervenjenti dwar l-inammissibbiltà tal-appell ippreżentat quddiem il-Bord tal-Appell.

## Fuq l-ispejjeż

62 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

63 Peress illi r-rikorrenti tilfet, hemm lok li din tiġi kkundannata għall-ispejjeż, skont it-talbiet tal-UASI u tal-intervenjenti.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

**1) Ir-rikors huwa miċħud.**

**2) Argo Group International Holdings Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Martins Ribeiro Gervasoni Madise

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-20 ta' Mejju 2014.

Firem